IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.1.2020
COM(2020) 37 final

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2020

## Unjoni li tirsisti għal aktar

MT MT

## 1. Unjoni li tirsisti għal aktar

In-nies tal-Ewropa semmgħu leħinhom b'numri rekord fl-elezzjonijiet Ewropej tas-sena l-oħra. Taw kompitu ċar lill-istituzzjonijiet u lill-mexxejja tal-Ewropa li jkunu **kuraġġużi u determinati biex jindirizzaw l-isfidi ġenerazzjonali tagħna**. Huma jistennew li l-Unjoni tagħhom twassal riżultati fejn hu l-aktar importanti. Il-Kummissjoni Ewropea hija impenjata li twieġeb għal dik is-sejħa. Li tibni Unjoni li tirsisti għal aktar.

Matul is-sena d-dieħla u d-deċennju li għandna quddiemna, l-Unjoni tagħna għandha opportunità unika li tmexxi t-tranżizzjoni lejn **Ewropa ġusta, newtrali għall-klima, u diġitali**. Din it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali doppja se taffettwana lkoll: kull pajjiż, kull reġjun, kull persuna. Se tolqot kull parti tas-soċjetà u tal-ekonomija tagħna. Iżda biex tirnexxi, trid tkun ġusta u inklużiva għal kulħadd. L-Unjoni Ewropea tista' taħtaf għalkollox l-opportunitajiet li dawn it-tranżizzjonijiet doppji se jġibu magħhom biss jekk nużaw il-punti b'saħħithom kollha u d-diversità tagħna Aħna u nagħmlu dan, irridu dejjem inkomplu niġġieldu għall-ugwaljanza, inħarsu l-valuri tagħna u niddefendu l-istat tad-dritt.

Huwa dan li qed jixpruna dan l-ewwel Programm ta' Ħidma annwali tal-Kummissjoni. Jippreżenta l-inizjattivi l-aktar importanti li l-Kummissjoni beħsiebha tieħu fl-ewwel sena tagħha – inkluż l-impenji għall-ewwel 100 jum. Huwa ffukat fuq is-**sitt ambizzjonijiet ewlenin stabbiliti fil-Linji Gwida Politiċi tal-President von der Leyen**. Jirrifletti wkoll il-prijoritajiet ewlenin għall-Parlament Ewropew u dawk fl-Aġenda Strateġika tal-Kunsill Ewropew għall-2019-2024.

Hemm ħafna lok għal ottimiżmu u kburija. Wara snin ta' ġestjoni tal-kriżi, **issa l-Ewropa tista' terġa' tħares 'il quddiem**. Dan il-Programm ta' Ħidma jinkwadra t-triq 'il quddiem u jippermettilna nsibu soluzzjonijiet għal kwistjonijiet li fil-passat firduna.

Aħna u nibdew naħdmu, dan nagħmluh bi sfond li kulma jmur qed isir aktar volatili. It-tensjonijiet li qegħdin jinġemgħu, l-inċertezza ekonomika, il-kunflitti li qegħdin jisplodu u saffi ġeopolitiċi li qegħdin jiċċaqalqu jsawru l-ordni globali tal-lum. In-natura prekarja tad-dinja ta' madwarna mhijiex biss limitata għal partijiet oħra tad-dinja iżda anke għall-kontinent tagħna stess. Il-ħtieġa għal Unjoni Ewropea b'saħħitha u magħquda, li tagħmel użu mill-assi diplomatiċi, ekonomiċi u politiċi kollha tagħha, hija aktar evidenti u importanti minn qatt qabel. Dan huwa rifless fil-Programm ta' Ħidma ta' din il-**Kummissjoni Ġeopolitika**. L-azzjonijiet u l-inizjattivi kollha ppjanati se jkollhom enfasi qawwija fuq l-azzjoni esterna.

Jekk l-Ewropa trid tilħaq l-aspettattivi għolja taċ-ċittadini u l-ambizzjonijiet li stabbilejna għalina nfusna, se jkollna bżonn ir-riżorsi korrispondenti. L-Unjoni teħtieġ **baġit fit-tul** ġdid li jkun flessibbli u mfassal għall-prijoritajiet u l-isfidi tagħna. Il-proposti diġà ppreżentati mill-Kummissjoni huma bażi tajba biex jinkiseb dan u aħna se naġġustawhom meta dan ikun meħtieġ biex jgħinuna nilħqu l-ambizzjonijiet tagħna. Il-Kummissjoni hija lesta tappoġġa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex ikollna baġit fit-tul ibbilanċjat u ambizzjuż lest għall-1 ta' Jannar 2021. Dan se jippermetti li l-programmi ta' investiment u ta' nfiq tagħna jkunu jiffunzjonaw sa mill-bidu.

'Il quddiem se jkun hemm ukoll sfidi li qatt ma ltqajna magħhom qabel. Se jkollna ninnegozjaw sħubija ġdida mar-Renju Unit, pajjiż li se jibqa' sieħeb, alleat u ħabib barra mill-Unjoni tagħna. Lesti li din is-sħubija nagħmluha waħda li tmur lil hinn mill-kummerċ u li għandha ambitu mingħajr paragun. Ma nistgħux nissottovalutaw l-iskala ta' dan il-kompitu. Kif kien il-każ matul in-negozjati tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-Kummissjoni se tiżgura li jkun

hemm l-ogħla livell ta' trasparenza matul il-proċess kollu ta' negozjar għall-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE, l-Istati Membri u l-pubbliku.

Hekk kif se nibdew inwettqu l-aġenda ambizzjuża tagħna, il-boxxla tagħna se tkun lejn l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti. F'dan l-ispirtu, se npoġġu l-**Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tat-tfassil tal-politiki tagħna.** Dawn se jiggwidaw ħidmitna fis-setturi kollha, kemm fl-azzjoni interna kif ukoll dik esterna tagħna, u se juru l-impenn tagħna favur żvilupp sostenibbli lokalment u barra minn xtutna. Bħala parti minn dan, se nagħtu enfasi ġdida lis-Semestru Ewropew billi nintegraw l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u nressqu l-approċċ tagħna għall-governanza ġenerali u l-implimentazzjoni tal-għanijiet.

Biex nagħtu l-ħajja lill-azzjonijiet ippreżentati f'dan il-Programm ta' Ħidma se jkollna bżonn sforz konġunt bejn l-istituzzjonijiet. Kif stabbilit fil-Linji Gwida Politiċi, din il-Kummissjoni hija b'saħħitha fl-impenn li tibni relazzjoni speċjali mal-Parlament Ewropew u, bħala parti minn dan, tappoġġa **d-dritt ta' inizjattiva għall-Parlament**.

Fl-aħħar nett, dan il-Programm ta' Ħidma jieħu mill-użu indispensabbli u dejjem aktar prominenti tal-**prospettiva strateġika**. Dan jirrifletti l-ħtieġa għal għarfien aktar qawwi dwar ix-xejriet fit-tul u l-bidliet kbar li qed isawru ħajjitna u l-futur tax-xogħol, li jbiddlu l-għamla tal-ekonomiji, l-ambjent u s-soċjetajiet tagħna, li jkollhom impatt fuq l-istrutturi tal-enerġija globali u l-awtonomija strateġika tagħna.

Billi nifhmu aħjar u nantiċipaw x'hemm jistenniena, nistgħu nfasslu u nimplimentaw politiki li jgħinu lill-Ewropa tkun fuq quddiem. Pereżempju, jeħtieġ li nħejju għall-impatt li stennija tal-ħajja itwal u tkabbir tal-popolazzjoni globali se jkollhom fuq id-disponibbiltà tar-riżorsi naturali jew fuq il-flussi migratorji, il-pensjonijiet u l-kura tas-saħħa. Fl-istess ħin, jeħtieġ li niffukaw fuq it-tnaqqis demografiku li qed jaffettwa l-parti l-kbira tal-UE, inkluż id-depopolazzjoni rurali.

Hemm ħafna aktar eżempji ċari li juru l-importanza li nitgħammru bl-aħjar għarfien possibbli dwar ir-riskji u l-opportunitajiet emerġenti, kif ukoll il-muturi u d-dipendenzi warajhom. Il-prospettiva strateġika se tgħinna nieħdu **approċċ aktar prammatiku u fit-tul** biex niżguraw it-tmexxija globali tagħna u niggwidaw il-politiki tagħna għas-snin li ġejjin.

L-inizjattivi ewlenin elenkati hawn taħt u fl-annessi ta' dan il-Programm ta' Ħidma jirrikkontaw l-istorja ta' dak li rridu niksbu. Mhumiex lista eżawrjenti jew definittiva, u biex jinqraw faċilment huma miġbura taħt sitt ambizzjonijiet ewlenin. Il-pożizzjoni ta' inizjattiva ma tbiddilx ir-responsabbiltajiet stabbiliti fl-ittri ta' missjoni li l-President von der Leyen bagħtet lil kull Membru tal-Kulleġġ. Se jitfaċċaw aktar sfidi u opportunitajiet matul is-sena u l-Kummissjoni se tkun lesta taġixxi b'mod rapidu.

## 2. Niksbu s-sitt ambizzjonijiet ewlenin

### *2.1. Patt Ekoloġiku Ewropew*

L-aktar sfida, responsabbiltà u opportunità urġenti għall-Ewropa hija li l-pjaneta tagħna u n-nies ta' ġo fiha jinżammu f'saħħithom. Dan huwa l-kompitu li jiddefinixxi żminijietna. Iż-żieda fit-temperatura globali, l-eżawriment tar-riżorsi naturali u t-telfien kontinwu tal-bijodiversità, flimkien maż-żieda fin-nirien tal-foresti, l-għargħar u diżastri naturali oħra, jimminaw is-sigurtà u l-prosperità tagħna.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa r-risponsa tagħna għal dan. Se jmexxina 'l quddiem għan-newtralità klimatika sal-2050 u fl-istess ħin jiffoka fuq l-adattament. Se jgħin fil-protezzjoni u fil-preservazzjoni tal-bijodiversità, il-wirt naturali u l-oċeani li tant iroddu ġid lill-Unjoni tagħna. U dan se jagħmlu billi jagħmel l-ekonomija u l-industrija tagħna aktar innovattivi, effiċjenti fir-riżorsi, ċirkolari u kompetittivi. **Il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa l-istrateġija l-ġdida tagħna għat-tkabbir**. Se jgħin biex jinħolqu l-impjiegi u biex l-Ewropa ssir aktar kompetittiva globalment. L-istrateġija industrijali l-ġdida tagħna se tkun essenzjali biex dan iseħħ bħala abilitant tat-tranżizzjoni kemm ekoloġika kif ukoll dik diġitali.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jipprovdi pjan direzzjonali b'politiki u miżuri biex niksbu l-bidla trasformattiva li neħtieġu fost is-setturi kollha. Ħafna minnhom se jiġu implimentati fl-ewwel sena tal-mandat tal-Kummissjoni u jiffurmaw parti ewlenija minn dan il-Programm ta' Ħidma.

Fil-qalba tiegħu hemm l-ewwel **Liġi Ewropea dwar il-Klima**, b'mira vinkolanti għan-newtralità klimatika għall-2050. Abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt komprensiva u l-analiżi tagħna tal-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima, il-Kummissjoni se tipproponi **ambizzjoni ġdida tal-UE biex tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030**. U waqt li l-Unjoni Ewropea tistabbilixxi l-miri ambizzjużi tagħha stess, se tkompli wkoll tmexxi negozjati internazzjonali biex tiżdied l-ambizzjoni tal-emittenti ewlenin qabel il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima tal-2020 fi Glasgow.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jipproponi azzjonijiet fl-ekonomija tagħna. F'dan l-ispirtu, il-Kummissjoni se tressaq Strateġija għal **Integrazzjoni tas-Settur Intelliġenti** u **Mewġa ta' Rinnovazzjoni**. Bħala parti mill-isforzi biex titrawwem ekonomija blu sostenibbli, il-Kummissjoni se tipproponi wkoll approċċ ġdid għall-isfruttar tal-potenzjal tal-**enerġija rinnovabbli offshore** tal-Ewropa. Dan se jgħin liċ-ċittadini jkollhom aċċess għal enerġija nadifa affordabbli u jikkontribwixxi għal provvista tal-enerġija sikura. Il-Kummissjoni se tipproponi wkoll **Strateġija globali għall-Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti** biex is-settur tat-trasport tagħna jsir aktar modern u ekoloġiku.

It-tranżizzjoni se tinkludi wkoll bidla fil-mod kif nużaw, nipproduċu u nikkunsmaw l-affarijiet. Il-**Pjan ta' Azzjoni ġdid għal Ekonomija Ċirkolari** se jgħin biex jittrasforma s-sistema tal-produzzjoni u tal-konsum tagħna bil-ħsieb li titnaqqas il-marka ambjentali u tal-karbonju tagħha.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jindirizza wkoll it-telfien allarmanti tal-bijodiversità u ekosistemi b'saħħithom li jheddu r-reżiljenza tan-natura, tal-benessri u tal-ekonomija tagħna. Sabiex jiġi indirizzat dan, il-Kummissjoni se tippreżenta **Strateġija ġdida tal-UE dwar il-Bijodiversità għall-2030** biex tiżgura li nkunu nistgħu nippreservaw u nipproteġu l-ambjent naturali li lkoll ngħożżu. Strateġija "**mill-Għalqa sal-Platt**" għall-katina alimentari kollha se tappoġġa lill-bdiewa tagħna biex jipprovdu lill-Ewropew b'ikel ta' kwalità għolja, nutrittiv, affordabbli u sikur b'mod aktar sostenibbli.

L-ambizzjoni kbira tal-Ewropa u t-tranżizzjoni profonda li se tibda jridu jiġu ffinanzjati kif xieraq. Il-baġit tal-UE fit-tul li jmiss għandu rwol ewlieni li jinvesti fejn huwa l-aktar meħtieġ u li jgħin fl-ingranaġġ tal-investiment privat u pubbliku li l-Ewropa teħtieġ. Fil-bidu ta' din is-sena, il-Kummissjoni pproponiet il-**Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew** biex jiġu rilaxxati mill-inqas EUR 1 triljun f'investimenti sostenibbli matul id-deċennju li ġej. Il-garanzija InvestEU se tappoġġa dan billi tnaqqas ir-riskji tal-fondi privati. Sabiex jiġi żgurat li l-investimenti sostenibbli jkunu integrati fis-sistema finanzjarja tagħna, **Strateġija Mġedda tal-Finanzi Sostenibbli** se jkollha l-għan li tidderieġi mill-ġdid il-flussi tal-kapital

privat lejn l-investimenti ekoloġiċi. L-integrazzjoni ta' kultura ta' governanza korporattiva sostenibbli fil-kumpaniji fis-settur privat se tkun daqstant importanti.

It-tranżizzjoni lejn kontinent newtrali għall-klima se sseħħ biss jekk tkun ekwa u ġusta għal kulħadd. Ħadd ma jista' jitħalla barra. Partijiet differenti tal-Ewropa u l-ekonomija tagħha se jkollhom bżonn jagħmlu bidla akbar minn ħafna oħrajn. L-Unjoni Ewropea trid tappoġġa lill-Istati Membri bl-investiment immirat li jeħtieġu biex jagħmlu dik it-tranżizzjoni. Il-**Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta**, u l-**Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta** li jakkumpanjah, li ġew proposti fil-bidu tal-2020, se jappoġġaw ir-reġjuni u s-setturi l-aktar affettwati. Se jgħinuhom jimmodernizzaw u jiddiversifikaw l-ekonomiji tagħhom u jtaffu l-kostijiet soċjali u ekonomiċi tat-tranżizzjoni.

Il-preservazzjoni tal-klima u tal-ambjent tagħna hija responsabbiltà kollettiva. Aħna kollha għandna d-dmir li naġixxu u l-Ewropej urew ir-rieda qawwija tagħhom li jkunu parti mill-bidla. Il-**Patt Klimatiku Ewropew** se jġib flimkien dawn l-isforzi kollha, li jinvolvu r-reġjuni, il-komunitajiet lokali, is-soċjetà ċivili, l-iskejjel, l-industrija u l-individwi.

### *2.2. Ewropa lesta għall-era diġitali*

It-tranżizzjoni diġitali diġà qed ikollha impatt sinifikanti fuq kull aspett ta' ħajjitna u tal-karrieri tagħna. Tiftaħ opportunitajiet ġodda biex nikkollegaw, nikkomunikaw, insolvu l-kwistjonijiet tas-soċjetà u nagħmlu n-negozju. L-Unjoni Ewropea għandha l-assi kollha biex tagħmel l-aħjar użu minn din it-trasformazzjoni u ssir mexxejja diġitali fl-oqsma kollha. Trid tkun l-ewwel waħda li taġixxi fil-konfront tat-teknoloġiji futuri bl-akbar potenzjal, filwaqt li tiżgura li l-approċċ Ewropew ikun uman, etiku u bbażat fuq il-valuri.

**Strateġija Ewropea ġdida dwar id-*Data*** se tippermetti li nagħmlu l-aħjar użu mill-valur enormi ta' *data* mhux personali bħala assi li dejjem qed jikber u jerġa' jintuża fl-ekonomija diġitali. Il-Kummissjoni se tressaq ukoll **White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali** biex tappoġġa l-iżvilupp u l-użu tagħha u tiżgura rispett sħiħ tal-valuri Ewropej u d-drittijiet fundamentali. L-isfruttament tal-intelliġenza artifiċjali se jgħinna nsibu soluzzjonijiet ġodda għal problemi antiki u nnaqqsu ż-żmien meħtieġ biex inwettqu firxa wiesgħa ta' kompiti. Madankollu, għandna bżonn nistabbilixxu ekosistema ta' fiduċja biex jiġi żgurat li l-intelliġenza artifiċjali tiżviluppa fil-limiti etiċi definiti b'mod ċar.

**Att ġdid dwar is-Servizzi Diġitali** se jsaħħaħ is-suq uniku għas-servizzi diġitali u se jgħin biex in-negozji ż-żgħar jingħataw iċ-ċarezza ġuridika u l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni li jeħtieġu. Il-protezzjoni taċ-ċittadini u tad-drittijiet tagħhom, u mhux l-inqas il-libertà tal-espressjoni tagħhom, se jkunu fil-qalba tal-isforzi tagħna.

Id-diġitalizzazzjoni u ċ-ċibersigurtà huma żewġ naħat tal-istess munita. Sabiex tkompli ssaħħaħ iċ-ċibersigurtà ġenerali fl-Unjoni, il-Kummissjoni se **tirrieżamina d-Direttiva dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u tas-Sistemi tal-Informazzjoni**. Se nippreżentaw ukoll inizjattivi biex nagħmlu l-finanzi diġitali aktar robusti kontra l-attakki ċibernetiċi, inkluż **Proposta dwar il-Kriptovaluta**.

It-titjib tat-tmexxija diġitali u l-awtonomija strateġika tal-Ewropa se jirrikjedu tisħiħ tal-kapaċità industrijali u ta' innovazzjoni tagħna. Sabiex tappoġġa dan, il-Kummissjoni se tipproponi **Strateġija Industrijali komprensiva ġdida għall-Ewropa** li tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u li tħares il-kompetizzjoni ġusta. Dan se jkun appoġġat bi **Strateġija ddedikata għall-SMEs** li se tagħmilha aktar faċli biex in-negozji żgħar u medji joperaw, jikbru u jespandu. Se tingħata attenzjoni speċifika lis-setturi tal-midja u dawk awdjoviżivi.

Se jkun essenzjali li nagħmlu s-swieq jaħdmu aħjar għall-konsumaturi, għan-negozji u għas-soċjetà biex l-Ewropa tkun lesta għall-era diġitali. Nistgħu ngawdu mill-benefiċċji tas-suq uniku tagħna biss jekk ir-regoli jiġu rrispettati fil-prattika. Għaldaqstant, il-Kummissjoni se **tirrapporta dwar l-Ostakli għas-Suq Uniku** u tipproponi **Pjan ta' Azzjoni għall-Infurzar tas-Suq Uniku** biex tiżgura implimentazzjoni u infurzar aħjar. Neħtieġu wkoll kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq globali. **White Paper dwar Strument għas-Sussidji Barranin** se tirrifletti dwar għodod ġodda possibbli biex jiġu indirizzati l-effetti distorsivi tas-sussidji barranin fis-suq uniku. Dan se jgħin biex inħejju s-sisien għal proposta leġiżlattiva fl-2021.

Is-servizzi pprovduti permezz ta' pjattaformi online fetħu opportunitajiet ġodda għax-xogħol, bħall-flessibbiltà għall-ħin tax-xogħol. Madankollu, hemm inċertezza li kulma jmur dejjem qed tikber dwar għadd ta' kwistjonijiet għax-xogħol ibbażat fuq pjattaformi. Dawn jinkludu l-istatus professjonali, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, u l-aċċess għar-rappreżentanza u n-negozjar kollettiv. Għaldaqstant, is-sena d-dieħla se nipproponu modi biex **intejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema tal-pjattaforma**.

L-investiment fil-ħiliet diġitali se jkun essenzjali biex nindirizzaw id-diskrepanza li qed tikber fil-ħiliet u mudelli tax-xogħol li qed jinbidlu, kif ukoll biex tinkiseb mill-ġdid il-ħakma u s-sjieda Ewropea tat-teknoloġiji ewlenin. Flimkien ma' titjib fil-kompetenza diġitali, dan se jixpruna l-**aġġornament tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali**. Komunikazzjoni dwar il-**Futur tar-Riċerka u l-Innovazzjoni u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka** se tħares lejn kif nistgħu niġbru flimkien ir-riżorsi aħjar, kif ukoll napprofondixxu r-riċerka, l-innovazzjoni u l-kapaċità tal-għarfien tagħna.

### *2.3. Ekonomija li taħdem għan-nies*

L-ekonomija tal-Ewropa issa qed tikber għas-seba' sena konsekuttiva, u din ix-xejra mistennija li tkompli din is-sena u ta' wara. L-impjiegi jinsabu f'livell għoli rekord u l-qgħad fl-aktar livell baxx reġistrat tiegħu mill-bidu tas-seklu 'l hawn. Madankollu, il-livelli tal-qgħad u tal-faqar għadhom għoljin wisq f'xi Stati Membri. L-inugwaljanzi jippersistu, u d-differenzi reġjonali fil-pajjiżi żdiedu. Issa li qed iberraq fl-orizzont, partikularment b'rabta ma' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku globali, tfaċċaw sfidi sinifikanti quddiemna.

L-Ewropa għandha ekonomija soċjali tas-suq unika li tippermetti li ngħaqqdu l-ġustizzja soċjali, is-sostenibbiltà, u t-tkabbir ekonomiku. Dan jgħin biex tiġi xprunata s-sostenibbiltà kompetittiva tagħna. Se jkun importanti aktar minn qatt qabel li npoġġu s-soċjetà u s-suq flimkien aħna u nibdew it-tranżizzjoni doppja tagħna. Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar **Ewropa Soċjali b'Saħħitha għal Tranżizzjonizzjonijiet Ġusti**, il-Kummissjoni nediet proċess ta' djalogu u konsultazzjoni biex twitti t-triq għal Pjan ta' Azzjoni biex timplimenta l-**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**.

B'mod parallel, il-Kummissjoni se tressaq strument legali dwar **pagi minimi ġusti għall-ħaddiema fl-UE**, b'konsultazzjoni mas-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati kollha. Dan se jirrispetta t-tradizzjonijiet nazzjonali u n-negozjar kollettiv. Proposta għal **Skema ta' Riassigurazzjoni tal-Qgħad Ewropew** se jkollha l-għan li tappoġġa lil dawk li jaħdmu u tipproteġi lil dawk li jkunu tilfu xogħolhom minħabba xokkijiet esterni, speċjalment billi tappoġġa t-taħriġ mill-ġdid tagħhom.

**Garanzija Ewropea ġdida għat-Tfal**, li se tiġi ppreżentata s-sena d-dieħla, se tkun għodda importanti biex niġġieldu l-faqar u biex niżguraw li t-tfal ikollhom aċċess għas-servizzi bażiċi. Sabiex tgħin liż-żgħażagħ jiksbu l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-opportunitajiet ta' impjieg li jeħtieġu, il-Kummissjoni se **ssaħħaħ il-Garanzija għaż-Żgħażagħ**.

Sa mill-kriżi finanzjarja riċenti, għamilna progress sinifikanti biex insaħħu ż-żona tal-munita unika u nagħmlu l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa aktar robusta. Madankollu, għad iridu jittieħdu passi importanti. Il-Kummissjoni se **tirrieżamina l-qafas tal-governanza ekonomika** u tagħti ħarsa ġenerali lejn kif ir-regoli fiskali ħadmu f'dawn l-aħħar snin. Ir-rieżami se jniedi konsultazzjoni wiesgħa mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati oħra biex jiġu esplorati modi kif jitjieb il-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE.

Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja l-implimentazzjoni tal-impenji ta' politika li għamlu l-Bulgarija u l-Kroazja bil-ħsieb li jissieħbu fil-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju, pass kritiku lejn l-adozzjoni tal-euro.

Il-**Pjan ta' Azzjoni dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali** se jkollu l-għan li jintegra aħjar is-swieq kapitali nazzjonali u jiżgura aċċess ugwali għall-investimenti u opportunitajiet ta' finanzjament għaċ-ċittadini u għan-negozji fl-UE, inkluża inizjattiva biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-investiment fi ħdan l-UE. Din il-ħidma, flimkien mat-tlestija tal-Unjoni Bankarja, se tkun dejjem aktar importanti wara t-tluq tar-Renju Unit u hija għodda essenzjali biex tgħin issaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro.

Biex tiġi żgurata l-integrità tas-sistema finanzjarja Ewropea u jitnaqqsu r-riskji tal-instabbiltà, **Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus** se jfittex li jtejjeb is-sistema superviżorja u jtejjeb l-infurzar tar-regoli.

It-tibdil teknoloġiku u l-globalizzazzjoni ppermettew li jkun hemm mudelli ġodda ta' negozju. Dan joħloq opportunitajiet iżda jfisser ukoll li l-qafas tat-taxxa korporattiva internazzjonali jrid ilaħħaq. Il-Kummissjoni se tippreżenta Komunikazzjoni dwar it-**Tassazzjoni tal-Intrapriżi għas-seklu 21**, li tiffoka fuq l-aspetti ta' tassazzjoni rilevanti fis-Suq Uniku. Din se tkun ikkomplementata minn **Pjan ta' Azzjoni għall-Ġlieda Kontra l-Evażjoni tat-Taxxa** u biex it-tassazzjoni ssir sempliċi u faċli.

Il-Kummissjoni se tadotta **Pjan ta' Azzjoni dwar l-Unjoni Doganali** li se jiffoka fuq tliet pilastri: jiżgura l-ħarsien tal-fruntieri, jippromwovi l-konformità tar-regoli u jtejjeb il-governanza tal-Unjoni Doganali. Il-Kummissjoni se tadotta wkoll proposta **leġiżlattiva dwar Tieqa Unika Doganali** biex issaħħaħ il-ħarsien tal-fruntieri u tissimplifika l-proċeduri amministrattivi għall-kumpaniji.

### *2.4. Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja*

Is-sistema multilaterali bbażata fuq ir-regoli kienet essenzjali biex issostni l-paċi u l-istabbiltà minn tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija. Minkejja li din is-sistema ġiet sfidata b'mod bla preċedent f'dawn l-aħħar snin, l-Ewropa dejjem se tkun impenjata li **tmantni, taġġorna u ttejjeb l-ordni globali bbażat fuq ir-regoli** biex tiżgura li jkun xieraq għad-dinja tal-lum. Fl-istess ħin, l-Ewropa teħtieġ li tkun aktar ġeopolitika, iktar unita u iktar effettiva fil-mod kif taħseb u taġixxi. Għandha bżonn tinvesti f'alleanzi u koalizzjonijiet biex tavvanza l-valuri tagħna, tippromwovi u tipproteġi l-interessi tal-Ewropa permezz ta' kummerċ miftuħ u ġust u ssaħħaħ ir-rabtiet bejn il-politiki interni u esterni tagħna.

Id-**diplomazija Ewropea** se tkompli tkun essenzjali madwar il-kontinenti kollha, biex tgħinna ninteraġġixxu ruħna ma' sħabna, kemm bilateralment kif ukoll f'oqfsa multilaterali. Il-Kummissjoni se taqdi r-rwol sħiħ tagħha f'dan, inkluż billi tinnegozja ftehimiet sa fejn jippermettulha l-kompetenza u l-mandati tagħha.

Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja tfisser li naħdmu id f'id mal-ġirien u s-sħab tagħna. F'dan l-ispirtu, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli se jiżviluppaw **Strateġija mal-Afrika**

komprensiva ġdida biex tagħti spinta lir-relazzjonijiet ekonomiċi, toħloq l-impjiegi fiż-żewġ kontinenti u tapprofondixxi s-sħubija tagħna fl-oqsma kollha. B’mod parallel, il-Kummissjoni se tfittex li tlesti n-negozjati dwar Ftehim ta’ Sħubija ġdid bejn l-UE u l-pajjiżi **tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku**, biex tissostitwixxi l-ftehim ta’ Cotonou li jiskadi fl-aħħar ta’ Frar 2020.

Eqreb lejna, l-Unjoni Ewropea hija impenjata li tapprofondixxi **s-sħubija tagħha mal-Balkani tal-Punent** – reġjun li tant għandha inkomuni miegħu. Perspettiva kredibbli tal-adeżjoni għar-reġjun hija ta’ importanza strateġika enormi għall-Unjoni u għar-reġjun innifsu. Din se tiġi affermata mill-ġdid fil-kontribut tal-Kummissjoni għas-Summit bejn l-UE ul-Balkani tal-Punent f’Zagreb f’Mejju 2020. Il-Kummissjoni se tkompli tinsisti li jinfetħu n-negozjati ta’ adeżjoni mal-Maċedonja ta’ Fuq u l-Albanija. B’mod parallel, se tfittex li żżomm il-momentum billi tippreżenta modi biex **ittejjeb il-proċess ta’ adeżjoni**, inkluż dwar il-metodoloġija tat-tkabbir u dwar qafas imsaħħaħ għall-investiment.

L-Ewropa stabbiet sħubija b’saħħitha mal-ġirien tagħha tal-Lvant, li qed tibni żona komuni ta’ demokrazija, prosperità, stabbiltà u ta’ aktar kooperazzjoni kondiviżi. Biex inmantnu u nsaħħu iktar id-dinamiżmu ta’ din ir-relazzjoni importanti, se nressqu **Sħubija tal-Lvant ġdida għal wara l-2020** li tindika sett ġdid ta’ objettivi ta’ politika fit-tul.

L-Unjoni Ewropea temmen li kummerċ ħieles, ġust u miftuħ jista’ jiffunzjona biss b'Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) b’saħħitha u effettiva. Il-Kummissjoni biħsiebha tmexxi l-isforzi internazzjonali u taħdem mas-sħab biex tirriforma d-WTO. Se nsaħħu s-sejħa tagħna għal regoli li huma ġusti, effettivi, u infurzabbli u li joħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-partijiet kummerċjali kollha. Il-Kummissjoni għalhekk biħsiebha tniedi **inizjattiva wiesgħa dwar ir-riforma tad-WTO** wara l-Konferenza Ministerjali tad-WTO li jmiss f’Ġunju 2020, bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim komprensiv.

Se nħarsu wkoll l-ordni globali bbażat fuq ir-regoli permezz ta’ Komunikazzjoni dwar **it-Tisħiħ tas-Sovranità Ekonomika u Finanzjarja tal-Ewropa**. Din se tibni fuq ir-rwol internazzjonali aktar b’saħħtu tal-euro. Se tħejji wkoll il-bażi għal mekkaniżmu tas-sanzjonijiet imsaħħaħ is-sena d-dieħla biex tiżgura li l-Ewropa tkun aktar reżiljenti għal sanzjonijiet estraterritorjali minn pajjiżi terzi u li s-sanzjonijiet imposti mill-UE jiġu infurzati kif xieraq.

Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-Kunsill fuq Pjan ta’ Azzjoni dwar **id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija** li se jiffoka fuq ir-rwol ta' tmexxija tal-UE fl-istabbiliment ta’ standards dwar id-drittijiet tal-bniedem u biex tiġi mħarsa l-Liġi Umanitarja Internazzjonali. Il-Kummissjoni se tippreżenta wkoll Pjan ta’ Azzjoni dwar l-**Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa fir-Relazzjonijiet Esterni.**

### *2.5. Promozzjoni tal-istil ta’ ħajja Ewropew tagħna*

L-istil ta’ ħajja Ewropew huwa mibni madwar il-valuri tagħna tas-solidarjetà, l-ugwaljanza u l-ġustizzja. Bih inħossuna sikuri, ikollna serħan tal-moħħ, nappoġġaw lil dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà tagħna u nappoġġaw l-inklużjoni. Bih insibu soluzzjonijiet komuni għall-isfidi kondiviżi u nħejju lin-nies bil-ħiliet li jeħtieġu, u ninvestu f’saħħithom u l-benesseri tagħhom. Bih nibnu soċjetajiet Ewropej aktar b’saħħithom, aktar koeżivi u aktar reżiljenti.

L-Unjoni Ewropea għandha rwol importanti biex tgħin lill-Ewropej jieħdu ħsieb saħħithom. Irridu li l-Ewropa tmexxi l-ġlieda kontra l-kanċer. Il-Kummissjoni se tippreżenta **Pjan Ewropew għall-ġlieda kontra ll-Kanċer** biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom

biex itejbu l-prevenzjoni u l-kura tal-kanċer. Il-Kummissjoni se tniedi wkoll **Strateġija Farmaċewtika għall-Ewropa** biex tkompli tiżgura l-kwalità u s-sikurezza tal-mediċini u tikkonsolida l-kompetittività globali tas-settur. Jenħtieġ li l-Ewropa tiżgura wkoll li l-pazjenti kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-innovazzjoni filwaqt li tirreżisti l-pressjoni biex jiżdiedu l-prezzijiet tal-mediċini.

Parti mill-istil ta' ħajja Ewropew hija t-trawwim tal-ħiliet, l-edukazzjoni u l-inklużjoni. Dawn jagħtu l-għodod u l-għarfien biex in-nies jirnexxu u jagħmlu l-parti sħiħa tagħhom fit-tranżizzjonijiet doppji. Il-Kummissjoni hija impenjata bis-sħiħ biex **iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni ssir realtà sal-2025.** Din teħtieġ approċċ ta' ħajja sħiħa, minn età bikrija sa età adulta. Se nippreżentaw **Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa** biex tgħinna nidentifika u nimlew in-nuqqasijiet ta' ħiliet, kif ukoll biex nappoġġaw it-tagħlim ta' ħiliet ġodda. Se nippreżentaw ukoll **Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni** biex niżguraw li s-soċjetajiet tagħna jħarsu lil dawk li huma l-aktar vulnerabbli.

Li nħossuna sikuri u b'moħħna mistrieħ hija waħda mill-prijoritajiet l-aktar bażiċi u importanti għall-Ewropej. Xejn ma jista' jkun aktar importanti għall-istil ta' ħajja tagħna milli nħarsu lil uliedna. F'dan l-ispirtu, il-Kummissjoni se tistabbilixxi Strateġija tal-UE għal **ġlieda aktar effettiva kontra l-abbuż sesswali tat-tfal**.

F'dawn l-aħħar snin, feġġew theddidiet ta' sigurtà ġodda, dejjem aktar kumplessi, transfruntiera u transsettorjali, li jenfasizzaw il-ħtieġa għal kooperazzjoni aktar mill-qrib dwar is-sigurtà fil-livelli kollha. Il-Kummissjoni se tressaq **Strateġija tal-Unjoni ġdida tal-UE** sabiex tippreżenta l-oqsma li fihom l-Unjoni tista' ġġib valur miżjud biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżgurar tas-sigurtà – mill-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, sal-prevenzjoni u d-detezzjoni tat-theddid ibridu, saċ-ċibersigurtà u ż-żieda tar-reżiljenza tal-infrastruttura kritika tagħna. Il-Kummissjoni se ssaħħaħ ukoll il-mandat tal-Europol sabiex issaħħaħ il-kooperazzjoni operattiva tal-pulizija.

L-UE għamlet passi kbar fil-ħidma tagħha dwar il-migrazzjoni u l-fruntieri mill-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni tal-2015 'l hawn. Biex tagħti l-ispinta u l-bidu ġdid meħtieġa, il-Kummissjoni se tressaq **Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**. Dan se jkun approċċ ta' rotta sħiħa, li jirrikonoxxi li l-aspetti interni u esterni tal-migrazzjoni huma marbuta b'mod inseparabbli. Ir-riforma tal-Politika Ewropea Komuni tal-Ażil se tibqa' parti essenzjali minn dan l-approċċ komprensiv. Il-Kummissjoni se tipprovdi sistema ta' migrazzjoni u ta' ażil iktar reżiljenti, iktar umana u aktar effettiva, li se tirfed ukoll il-fiduċja fiż-Żona Schengen ta' moviment liberu.

## 2.6. *Spinta ġdida għad-demokrazija Ewropea*

Id-difiża ta' demokrazija b'saħħitha u vibranti fl-Ewropa hija kwistjoni ta' leġittimità u fiduċja. Id-demokrazija hija valur fundamentali tal-Unjoni, flimkien mad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt. Madankollu, id-demokrazija Ewropea qed tiffaċċja diversi sfidi, kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa.

Biex tirrispondi għal dan, il-Kummissjoni se tippreżenta **Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija** biex jgħinna ntejbu r-reżiljenza tad-demokraziji tagħna u jindirizza t-theddid ta' interferenza esterna fl-elezzjonijiet Ewropej. L-għan se jkun li niġġieldu d-diżinformazzjoni u li nadattaw għal theddid u manipulazzjonijiet li qed jevolvu, kif ukoll l-appoġġ għal midja ħielsa u indipendenti.

Biex ikomplu jsaħħu d-demokrazija tagħna, iċ-ċittadini, l-istituzzjonijiet tal-UE, u l-politiċi nazzjonali, reġjonali, u lokali se jingħaqdu f'dibattitu fil-**Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-**

**Ewropa**. Il-Kummissjoni ppreżentat l-ideat tagħha dwar il-Konferenza f'Jannar sabiex tiftiehem malajr dwar il-kamp ta' applikazzjoni, il-format u l-objettivi tagħha mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Parti mis-saħħa tad-demokrazija tagħna hija d-determinazzjoni tagħna li nħarsu d-drittijiet u l-istat tad-dritt. Il-ħidma biex nipproteġuhom ma tieqaf qatt. Bħala parti mill-mekkaniżmu l-ġdid tal-istat tad-dritt, il-Kummissjoni se tniedi l-ewwel **Rapport Annwali dwar l-Istat tad-Dritt**, li jkopri l-Istati Membri kollha. Dan se jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kultura tal-istat tad-dritt tal-Ewropa fl-UE. Se tippreżenta wkoll **Strateġija ġdida għall-Implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali** b'enfasi fuq is-sensibilizzazzjoni fil-livell nazzjonali.

L-ugwaljanza hija valur fundamentali tal-Unjoni Ewropea u hija mutur għat-tkabbir ekonomiku u għall-benesseri soċjali. Il-Kummissjoni se tippreżenta Strateġija għall-**Ugwaljanza bejn il-Ġeneri** biex tindirizza l-isfidi ewlenin li n-nisa jiffaċċjaw illum, inkluż il-**vjolenza abbażi tal-ġeneru**, l-indipendenza ekonomika u l-aċċess għas-suq tax-xogħol. Se jiġu ppreżentati proposti dwar it-trasparenza fil-pagi.

Il-Kummissjoni se tieħu wkoll azzjoni biex tippromwovi **l-ugwaljanza u l-inklużjoni aħjar tar-Rom**. Strateġija dedikata se tgħin biex tiġi żgurata **l-ugwaljanza tal-persuni LGBTI madwar l-UE.** Dejjem għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-protezzjoni ta' dawk l-aktar vulnerabbli. Il-Kummissjoni se tippreżenta **Strateġija tal-UE għad-Drittijiet tal-Vittmi.**

Bħala parti mill-ħidma tagħna biex nifhmu aħjar u nirrispondu għal dawn il-bidliet, il-Kummissjoni se tippreżenta **Rapport dwar l-Impatt tat-Tibdil Demografiku**. Dan se jagħti ħarsa lejn kif realtajiet demografiċi ġodda jaffettwaw kollox, mill-politika soċjali u reġjonali, is-saħħa, sall-finanzi, il-konnettività diġitali, il-ħiliet u l-integrazzjoni. Il-Kummissjoni se tipproponi wkoll **viżjoni fit-tul** għaż-żoni rurali u **Green Paper dwar it-Tixjiħ**.

L-**Aġenda tal-Konsumatur** il-ġdida tal-Kummissjoni se tallinja l-protezzjoni tal-konsumatur mar-realtajiet tal-lum, b'mod partikolari t-tranżazzjonijiet transfruntiera u online. Se tippermetti lill-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati u li jkollhom rwol attiv fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

## 3. Rieżami tal-inizjattivi proposti taħt mandati preċedenti li għad ma kienx hemm qbil dwarhom mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill

Biex niżguraw li l-isforzi tagħna jkunu ngranati lejn it-twettiq tal-prijoritajiet ewlenin li stabbilejna għal dan il-mandat, il-Kummissjoni eżaminat bir-reqqa l-proposti kollha li qed jistennew li jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill biex nivvalutaw jekk għandhomx jinżammu, jiġux emendati jew jiġux irtirati[1]. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni vverifikat jekk il-proposti pendenti humiex konformi mal-ambizzjonijiet ewlenin tagħna, jekk għadhomx adatti biex jindirizzaw l-isfidi attwali u jistgħux jiġu implimentati b'suċċess, u jekk għandhomx prospetti raġonevoli li jiġu adottati fil-futur qrib. Ikkunsidrajna b'attenzjoni wkoll l-opinjonijiet espressi mill-Parlament u l-Kunsill.

[1] F'konformità mal-Artikolu 39 tal-Ftehim Qafas bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, ĠU L 304, 20.11.2010, li jiddikjara "*Il-Kummissjoni għandha tipproċedi b'analiżi tal-proposti kollha pendenti fil-bidu tal-mandat tal-Kummissjoni l-ġdida, biex tikkonfermahom jew tirtirahom politikament, filwaqt li tqis kif jistħoqq il-fehmiet espressi mill-Parlament.*". Id-dispożizzjonijiet dwar l-irtirar ta' proposti pendenti huma wkoll inklużi fil-Ftehim Interistituzzjonali tal-2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, ĠU L 123, 12.05.2016.

Din l-analiżi fil-fond tal-proposti leġiżlattivi li bħalissa qed jistennew qbil mill-Parlament u l-Kunsill, wasslet lill-Kummissjoni biex tikkonkludi li jenħtieġ li 32 minnhom jiġu rtirati.

Il-Kummissjoni tibqa' kompletament impenjata li tilħaq l-objettivi ewlenin wara ħafna mill-proposti li ġie ssuġġerit li ma jitkomplewx.. Madankollu, il-progress f'dawn il-fajls jeħtieġ li jittieħed pass lura biex nirriflettu kif jistgħu jintlaħqu l-għanijiet tagħhom bl-aktar mod effiċjenti.

Il-proposti kollha li l-Kummissjoni biħsiebha tirtira huma elenkati fl-Anness IV, inkluża spjegazzjoni tar-raġunijiet għall-irtirar.

Qabel ma tipproċedi bl-irtirar, il-Kummissjoni se tikkonsulta mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill dwar il-lista proposta. Mill-inizjattivi pendenti li fadal, il-Kummissjoni identifikat dawk l-inizjattivi leġiżlattivi li għandhom jingħataw attenzjoni prijoritarja fil-proċess leġiżlattiv fl-2020; dawn huma elenkati fl-Anness III.

## 4. Tfassil aħjar tal-liġijiet, tfassil tal-politika, implimentazzjoni u infurzar tad-dritt tal-Unjoni

Il-Kummissjoni ppreżentat aġenda ambizzjuża biex ninvestu fin-nies tagħna, fil-pjaneta u l-ekonomija, fi sħubija ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE, l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-atturi tas-soċjetà ċivili. **It-tfassil aħjar tal-liġijiet se jkompli jkun fil-qalba tat-tfassil tal-politika tagħna**. Din il-Kummissjoni hija impenjata li tfassal u timplimenta politiki li jagħtu riżultati tanġibbli fil-prattika, u li jagħmlu l-ħajja aktar faċli għan-nies u għan-negozji. Bħala parti mill-impenn magħmul fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-inizjattivi kollha se jonoraw **ħalfa ekoloġika "la tagħmilx ħsara"**.

Bħala parti mill-isforzi kontinwi biex jittejjeb it-tfassil tal-politika, il-Kummissjoni se tħejji l-ewwel **Rapport ta' Prospettiva** tagħha. Dan se jidentifika x-xejriet ewlenin u l-implikazzjonijiet ta' politika potenzjali tagħhom. Se jgħin biex iqajjem dibattitu pubbliku dwar kwistjonijiet strateġiċi fit-tul, jipprovdi rakkomandazzjonijiet biex jgħinuna nilħqu l-għanijiet li l-Ewropa stabbiliet għaliha stess. Il-Kummissjoni se tippreżenta **Komunikazzjoni dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet**. Il-Kummissjoni se tagħmel ħilitha biex issaħħaħ l-evidenza mill-evalwazzjonijiet, tintegra l-previżjoni fl-għodod regolatorji tagħha, tapplika l-kunċett ta' sussidjarjetà "attiva" u tiżviluppa konsultazzjonijiet aktar effiċjenti maċ-ċittadini.

Il-Kummissjoni se tiżviluppa wkoll strument ġdid ibbażat fuq l-**approċċ "One In, One Out"** biex tiżgura li l-piżijiet amministrattivi li jkunu għadhom kif ġew introdotti jiġu kkumpensati billi n-nies u n-negozji – b'mod partikolari l-SMEs – jinħelsu minn kostijiet amministrattivi ekwivalenti fil-livell tal-UE fl-istess qasam ta' politika. Dan l-approċċ mhux se jbaxxi l-istandards soċjali u ekoloġiċi tagħna, u lanqas mhu se jiġi applikat b'mod purament mekkaniku. L-għan tiegħu huwa li jiżgura li l-leġiżlazzjoni tal-UE tkun ta' benefiċċju għall-utenti finali tagħha mingħajr ma timponi piżijiet żejda fuq iċ-ċittadini u n-negozji, b'mod partikolari l-SMEs. Biex dan iseħħ, jenħtieġ li nħejju l-leġiżlazzjoni tal-UE mill-perspettiva tal-utent u napplikaw b'mod konsistenti l-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku".

Is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piżijiet se jiddependu fuq kooperazzjoni mill-qrib mal-koleġiżlaturi, l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali. Biex iżżomm l-impenn tagħha li tipprovdi l-aktar benefiċċji għan-negozji u għan-nies filwaqt li tevita piżijiet żejda, il-Kummissjoni se tistabbilixxi l-**pjattaforma Fit-for-future**. Din il-pjattaforma se tlaqqa' l-għarfien espert tal-amministrazzjonijiet nazzjonali, tar-reġjuni, tas-sħab soċjali, tan-negozji żgħar u kbar kif ukoll organizzazzjonijiet tal-konsumatur, tas-saħħa u tal-ambjent u NGOs

oħra. Il-pjattaforma se tikkunsidra opportunitajiet għal simplifikazzjoni, tnaqqis tal-piżijiet, diġitalizzazzjoni, u tara jekk il-leġiżlazzjoni hijiex adattata għall-futur.

Kwalunkwe leġiżlazzjoni tista' sservi l-iskop tagħha biss jekk tiġi implimentata b'mod uniformi. F'dan l-ispirtu, il-Kummissjoni se tkompli **tissorvelja mill-qrib it-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti** . Se tfittex djalogu mal-Istati Membri biex tifhem aħjar il-problemi, issib soluzzjonijiet u fl-aħħar mill-aħħar tiffranka l-ħin u l-flus tal-kontribwenti fil-proċess. Fil-każijiet fejn id-djalogu ma jagħtix riżultati, **il-Kummissjoni mhix se toqgħod lura milli tieħu azzjoni ta' infurzar b'saħħitha u effettiva** kull fejn ikun meħtieġ.

## 5. Konklużjoni

Dan il-Programm ta' Ħidma u l-ewwel sena ta' dan il-mandat se jistabbilixxu l-viżjoni, id-direzzjoni u l-pass għall-ħames snin li ġejjin. L-ewwel 100 jum se jkunu kruċjali bħala dikjarazzjoni ta' intenzjoni lill-Ewropej li l-Unjoni tagħhom se tirrispondi għall-ambizzjoni u s-sejħa li saret fl-elezzjonijiet tas-sena l-oħra.

Kull waħda mill-inizjattivi elenkati f'dan il-programm ta' ħidma hija fl-aħħar mill-aħħar intenzjonata biex isservi n-nies tal-Ewropa. Biex il-ħajja tkun aktar faċli u sana, is-soċjetajiet isiru aktar ġusti, l-opportunitajiet ikunu aktar varjati u aċċessibbli, u l-ekonomiji jsiru aktar moderni u mmirati lejn objettivi usa'. Iżda dawn jistgħu biss iservu l-Unjoni tagħna b'dan il-mod jekk l-Istati Membri tal-Ewropa u l-istituzzjonijiet tagħha jaħdmu flimkien biex isarrfu l-proposti f'leġiżlazzjoni u mbagħad f'riżultati fil-prattika. Il-Kummissjoni hija determinata u impenjata li taħdem fi sħubija kemm mal-Parlament Ewropew kif ukoll mal-Kunsill biex dan iseħħ.

Fl-implimentazzjoni ta' dan il-programm ta' ħidma, il-Kummissjoni se tiffoka wkoll fuq l-ispjegazzjoni ta' x'aħna nagħmlu u li tqis il-fehmiet taċ-ċittadini, inkluż permezz tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa. Flimkien mal-ħidma tagħna dwar il-previżjoni, dan l-impenn se jkun parti importanti fid-deċiżjoni dwar il-prijoritajiet, il-politiki u l-programmi ta' ħidma futuri.

Billi nużaw il-punti b'saħħithom kollha tal-Ewropa, billi nsaħħu r-rabta bejn iċ-ċittadini u dawk li jaqduhom u billi niżguraw li l-istituzzjonijiet tagħna jaħdmu flimkien, nistgħu kollettivament naħtfu l-opportunitajiet li għandna quddiemna fil-ħames snin li ġejjin u lil hinn. Nistinkaw li navvanzaw iktar f'darna sabiex inkunu minn ta' quddiem fid-dinja.